MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 28/2012

**Cutajar Limited [C-4975]**

**vs**

**(1) Doreen Spiteri [K.I. 167979M]**
**(2) Josef Grech [K.I. 267081M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija hamsa u sittin euro (€2,565) liema ammont jirrapprezenta valur ta' oggetti akkwistati u mixtrija mill-intimati minghand is-socjeta attrici li hallsu l-istess permezz ta' cheque falsifikat bil-konsegwenza li s-socjeta attrici baqghet ma thallsitx ghall-istess oggett. Kopja ta' dan ic-cheque gie anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok. A. Is-socjeta attrici talbet ukoll l-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li ghandhom jigu kkundannati ghal hlas tal-ammont mitlub u nkluzi, oltre l-ispejjez tal-prezenti procedura wkoll dawk in

konessjoni ma ittra ufficjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Dicembru, 2011 u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-precitat cheque falsifikat sal-hlas effettiv ghas-saldu.

Ra r-risposta imressqa miz-zewg konvenuti fil-21 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha huma resqu s-segwenti difizi:

i) Preliminarjament mhux car x'inhu l-oggett u r-raguni li fuqha hija msejjsa t-talbiet tas-socjeta attrici u jekk hux qed jintalbu danni jew il-prezz ta' l-oggetti;
ii) Illi l-oggetti mertu ta' din il-kawza gew ritornati u konsenjati lura lill-pulizija ezekuttiva peress li qatt ma ntuzaw mill-konvenuti u ghadhom kummercjabbli u jistghu jinbieghu mis-socjeta attrici;
iii) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar, 2012 u li permezz tieghu Dr. Raphael Fenech Adami ghas-socjeta attrici talab li ma jibdiex iressaq il-provi l-ghaliex il-konvenuti kienu ser jaghmlu pagament iehor akkont tal-prezz dovut. Di fatti giet prezentata nota ta' riduzzjoni u li permezz taghha, l-prezz riklamat gie ridott ghal elf tlett mija sebgha u disghin euro (€1,397).

Ra li ghas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 il-konvenuti regghu ma dehrux u li Dr. Fenech Adami ghas-socjeta attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghar-rigward tal-kapitolu, inghad li "*meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni*[1]" u "*is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi*

[1] Trapani vs Cilia deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 2000 ccitata fil-kawza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Balzan et deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia;

*ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod li jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra*[2]".

Issa fil-kaz odjern, it-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi prodotti, ghandu jirrizulta bic-car li l-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta attrici s-somma reklamata – kif ridotta permezz ta' nota pprezentata fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2012 – ta' elf tlett mija sebgha u disghin euro (€1,397) u dan bhala valur ta' oggetti akkwistati u mixtrija mill-intimati minghand is-socjeta attrici. It-Tribunal qieghed jiehu in konsiderazzjoni ukoll il-kapitolu pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni mqanqla mill-konvenuti jirrizulta bic-car ghat-Tribunal li s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ghall-prodotti minnha mibjugha u mixtrija mill-konvenuti. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda. B'referenza ghat-tieni eccezzjoni, l-konvenuti bl-ebda mod ma dehru jew ipprezentaw xi dokument, sabiex jippruvaw isostnu b'xi mod din l-eccezzjoni u cioe li huma rritornaw l-oggetti lill-pulizija ezekuttiva u li dawn l-oggetti kienu ghadhom kummercjabbli u li setaw jinbieghu u ghalhekk it-Tribunal qieghed jiskarta ukoll din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma kif ridotta ta' elf tlett mija sebgha u disghin euro (€1,397), bl-imghax mid-data tac-*cheque* esebit u cioe mit-12 ta' Novembru, 2011.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti in solidum fl-intier taghhom.

---

[2] Ibid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------